**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 22 ta' Lulju 2019**

**Kumpilazzjoni numru: 439/19 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**John Paul Charles Woods**
**(Karta tal-identità numru 2004880P)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **John Paul Charles Woods** akkuzat talli nhar il-15 ta' Lulju 2019, ghall-habta tal-17:30hrs., gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Convenience Shop li jinsab fi Triq D'Argens, Gzira:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ikkwalifikat bil-vjolenza, u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu tal-imsemmija kumpanija u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex

esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volontà tieghu; *Artikoli 41(1) (a), 261(a) (c), 262(1) (a) (b) (2), 267, 275, 276, 279 (a), 280 (2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

2. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Harshavardhan Reddy Gorla, Latifa Nouri, Lilian Aquilina u Sean Tonna kontra l-volontà taghhom; *Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

3. Volontarjament hassar, jew ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioè ikkommetta hsarat fuq diversi affarijiet, ghad-dannu tad-diretturi/sidien tal-imsemmi stabbiliment, u/jew ta' xi entità jew entitajiet ohra, u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara teccedi l-valur ta' elfejn, hames mija u sitta u sittin Ewro (€2,566); *Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

4. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq membri tal-Korp tal-Pulizija, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorità kompetenti; *Artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

5. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija; *Artikoli 51(7), 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta.*

6. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Vella LL.D. datata 8 ta' Gunju 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; *Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.*

7. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Joe Mifsud LL.D. datata 18 ta' Dicembru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; *Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.*

8. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi sar ricediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva ghal kull imputazzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija però ghandu fedina penali refrettarja hafna, filwaqt ukoll illi huwa kkommetta dawn ir-reati fil-perjodu ta' zewg ordnijiet ta' Probation.

Illi l-Qorti wara li hadet dan kollu inkonsiderazzjoni, hija tal-opinjoni illi ghalkemm l-imputat gie trattat bil-pieni kollha possibbli, inkluz anke prigunerija effettiva, qisu bhal donnu ma jistghax izomm 'il boghod mill-Qorti. Invista tal-gravita` tal-imputazzjonijiet il-Qorti se tkun qieghda tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva u l-multa idonea fic-cirkostanzi.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 41 (1) (a), 49, 50, 86, 87 (1) (e), 96 (aw), 261 (1) (a) u (b), 261 (2), 267, 275, 276, 279 (a), 280 (2), 289, 325 (1) (a) tal-Kodici Kriminali, artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, issib lill-imputat **John Paul Charles Woods** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettiva. Inoltre l-Qorti qieghda tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef u mitejn ewro (€4,200).

Wara li rat artikoli 18, 49, 50, 216, 293, 294, 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali il-Qorti qieghda titratta mal-hati ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-8 ta' Gunju 2017 u tat-18 ta' Dicembru 2017 u ghar-reati hemm imsemmija tikkundannah ghal perjodu komplessiv ta' tliet (3) snin prigunerija.

B'hekk it-terminu totali ta' prigunerija effettiva impost fuq il-hati huwa ta' **seba' (7) snin prigunerija effettivi.**

Finalment il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai fini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali peress li ma jirrizultax li nfethet inkjesta dwar dawn ir-reati.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur